

# il-hajja ta' kristu gesu'

## 21. MAGHZULA T-TNAX L-APPOSTLU.

**Matt. 10:2-4; Mark 3:13-19; Luqa 6:12-16**

Barra dawk maghzula minn Gesu, jigifieri, Xmun, Indri, Giovanni,u Gakbu li kienu sajjieda,Natanjiel u Mattew il-publikan, kien hemm hafna nies ohra jimxu wara Gesu'. Tista' tghid li t-taghlim ta' l-imghallem ta' Nazaret kien isahharhom u ghalhekk Kristu kellu hafna dixxipli li kienu jmorru warajh minn post ghall iehor.

Imma issa wasal iz-zmien li fih Gesu' kellu jaghzel tnax-il ragel biex isahhahom fit-taghlim tieghu u jkun jista' jibghathom ixandru il-bxara it-tajba mad-dinja kollha.



Qabel ma ghamel din l-ghazla huwa irtira fuq l-gholja f'post  kwiet u hemm tkellem ma' Alla biex lil dawk li jaghzel ikunu nies ta' kuragg halli jwettqu ir-rieda Tieghu u jistqarru ismu bla biza' ta' xejn.

Filghodu nizel minn fuq l-ghola sab id-dixxipli tieghu ghazel lil Pietru bhal il-kap ta' l-ghaqda tieghu. Imbaghad lil huh Indri.

Imbaghad dar fuq Gakbu u Giovanni. Maghhom zied lil Filippu, Natanjiel, Mattew Tumas u Gakbu iehor li kien it-tifel ta' Alfew, Xmun iehor imsejjah iz-zelota, Guda huh Gakbu u fl-ahhar Guda l-Iskarjota li ttradih.

Lil dawn tahom is-setgha li jfejqu il-mard u jkeccu x-xjaten. Hatarhom biex jmorru jippridkaw is-saltna t'Alla. Hu sejhilhom appostli li tfisser dawk mibghuta. Ghaliex hu baghathom ixandru l-kelma t'Alla.

## RIFLESSJONI

Dejjem ghandna nitobu l-ghajnuna ta' Alla qabel kull haga li naghmlu u hekk il-barka ta' Alla tinzel fuq kull sforz li naghmlu kemm ghal gid taghna nfusna kif ukoll ghall-proxxmu taghna